**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum, 14 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 93/2019 AF**

**Raymond u Rita konjugi Camilleri**

**vs**

**Allin One Turnkey Services Limited (C-74480)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-atturi Raymond u Rita konjugi Camilleri, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti dahlu fi ftehim ta' appalt mal-kumpannija intimata li kellha taghmel xogholijiet gewwa l-fond tal-esponenti bl-indirizz Flat numru 4, "Remissa Mansions", Triq Mensija, San Giljan.  Kopja tal-ftehim relattiv anness u mmarkat bhala Dok. RC1.

Il-partijiet ftehmu dwar in-natura tax-xogholijiet, il-prezz miftiehem ta' liema kien ta' wiehed u hamsin elf, disa' mija u ghoxrin Ewro (€51,920) u ftehmu li dawn ix-xogholijiet kellhom ikunu lesti sa mhux iktar tard minn Mejju tas-sena 2017.  L-ammont ta' tlieta u erbghin elf, disgha mija u ghoxrin Ewro (€43,920) thallas mill-esponenti lill-kumpannija intimata mill-quddiem akkont tal-imsemmi prezz.

Ix-xogholijiet kienu jikkonsistu *inter alia*, f'*finishings* tal-fond in kwistjoni.  In oltre, l-kumpannija intimata giet inkarigata tissupplixxi diversi ghamara fosthom bibien, kmamar tas-sodda u *frames* tat-twieqi.

Il-kumpannija intimata bdiet twettaq l-ezekuzzjoni ta' dan il-ftehim u – qabel ma abbandunat il-lant tax-xoghol f'Marzu tas-sena 2017 – ghamlet xi xogholijiet *in parte*, kif jirrizulta mir-rapport tal-Perit David Vassallo, kopja ta' liema huwa anness u mmarkat Dok. RC2.

In oltre, kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori ta' dawn il-proceduri, x-xogholijiet maghmulha mill-kumpannija intimata, ma sarux skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti, b'dan illi l-esponenti kellhom jinkorru diversi spejjez sabiex jirrimedjaw l-istess.

Oltre milli arbitrarjament waqfet milli tesegwixxi l-appalt lilha kkummissjonata, l-kumpannija intimata naqset ukoll milli tissupplixxi diversi ghamara ai termini tal-ftehim.

Kif jirrizulta mir-rapport imsemmi, il-valur tax-xoghol u tal-ghamara illi l-kumpannija intimata lahqet esegwiet u kkonsenjat ai termini tal-ftehim jammonta ghal hdax-il elf, mija u wiehed u tletin Ewro u disghin centezmu (€11,131,90) u ghalhekk jirrizulta illi l-esponenti anticipaw lill-kumpannija intimata, hlas illi jammonta ghas-somma ta' tnejn u tletin elf, seba' mija, tmienja u tmenin Ewro u ghaxar centezmi (€32,788.10) ghal xogholijiet illi l-kumpannija intimata effettivament naqset milli tesegwixxi u ghamara illi naqset milli tissupplixxi.

Rinfaccjati b'dan ix-xenarju, l-esponenti nkarigaw appaltatur iehor sabiex jitkompla u jitlesta x-xoghol fil-proprjetà su-indikata, b'dan illi dahlu fi spejjez ulterjuri sabiex terzi jesegwixxu x-xoghol illi l-kumpannija intimata kienet obbligat ruhha illi twettaq, jirrimedjaw ghax-xogholijiet hziena u l-hsarat li saru mill-kumpannija intimata stess u jissuplixxu l-ghamara li l-kumpannija intimata naqset milli tissupplixxi ai termini tal-ftehim.

B'konsegwenza tal-inadempjenza u n-nuqqasijiet tal-kumpannija intimata, ix-xogholijiet illi kellhom jigu esegwiti waqghu lura, u ser jitlestew aktar tard mid-data miftehma mal-intimata.

L-ghemil tal-kumpannija intimata kkawza pregudizzju ekonomiku u danni lill-esponenti, u dan kif ser jigi pruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Minkejja li giet interpellata tirrifondi l-flejjes imhallsa lilha mill-esponenti flimkien mad-danni sofferti mill-istess esponenti, anki permezz tal-ittra ufficcjali numru 300/18, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok. RC3, l-kumpannija intimata baqghet inadempjenti.

Fic-cirkostanzi l-esponenti ma kellhomx ghazla ohra hlief li jintavolaw din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpannija intimata naqset milli thares il-kundizzjonijiet tal-ftehim bejn il-partijiet meta

abbandunat ix-xogholijiet li hi kienet tqabbdet taghmel ghar-rikorrenti fil-fond Flat numru 4, "Remissa Mansions", Triq Mensija, San Giljan.

2. Tiddikjara illi l-kumpannija intimata hija debitrici tal-esponenti fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u ghaxar centezmi (€32,788.10), jew somma ohra verjuri likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti l-ammont illi l-esponenti ghaddew lill-kumpannija intimati bhala hlas anticipat ghax-xogholijiet u l-ghamara illi l-kumpannija intimata kienet accettat izda naqset milli tesegwixxi u tissupplixxi.

3. Tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas l-esponenti s-somma ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u ghaxar centezmi (€32,788.10) jew somma ohra verjuri likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-imghaxijiet legali.

4. Tiddikjara li l-kumpannija intimata hija responsabbli ghad-danni u pregudizzju mgarrbin mill-esponenti b'rizultat tan-nuqqasijiet u l-inadempjenza tal-kumpannija intimata, inkluzi l-ammonti addizzjonali mhallsa lil terzi biex ilestu x-xogholijiet li kellha tesegwixxi l-kumpannija intimata kif ukoll biex jissupplixxu l-ghamara li kellha tigi pprovduta mill-kumpannija intimata, l-ispejjez inkorsi mill-esponenti ghax-xogholijiet zejda li kienu kostretti jaghmlu, biex jigu rimedjati x-xogholijiet hziena u l-hsarat li saru mill-kumpannija intimata, telf ta' kirjiet u spejjez ohra, bl-imghaxijiet legali.

5. Tillikwida l-pregudizzju jew danni mgarrba mill-esponenti minhabba tali mgieba tal-kumpannija intimata, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi.

6. Tikkundanna u tordna lill-kumpannija intimata sabiex thallas id-danni hekk likwidati lill-esponenti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 300/18 datata 29 ta' Jannar 2018 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament

effettiv kontra l-kumpannija intimata, li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi minkejja li debitament notifikata, is-soċjetà konvenuta ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet miġjuba kontra tagħha.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2020 fl-atti tal-kawża **Carmen Borg vs Allin One Turnkey Services Limited** (rikors numru 92/2019) il-Qorti kif presjeduta ordnat li l-kawżi **Raymond Camilleri et vs Allin One Turnkey Services Limited** (rikors numru 93/2019), **Joseph Borg et vs Allin One Turnkey Services Limited** (rikors numru 94/2019) u **Manwel John Pace et vs Allin One Turnkey Services Limited** (rikors numru 95/2019) jinstemgħu minnha kif presjeduta lkoll flimkien ma' dik il-kawża u dan minħabba l-konnessjoni tagħhom.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tirrifondi parti mis-somma flus li rċeviet mingħandhom wara ftehim t'appalt in kwantu li dan l-appalt ma ġiex esegwit kollu mis-soċjetà konvenuta.

Jirriżulta li l-konvenuta, minkejja li debitament notifikata bl-atti tal-kawża, ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet attriċi. Huwa stabbilit illi l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et, deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005, mill-Qorti tal-Appell Inferjuri li

> *"... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u*

*ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*."

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et, tat-30 ta' Novembru 2015 qalet hekk:

*"L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioè dik li ma jkunx jista' jressaq provi (ara : App. Kumm. - 21.5.1993 – "**Vella pro et noe vs Vella**" (**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosita` tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikultà li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**).*

*Dan premess, inghad ghal diversi drabi mill-qrati taghna illi l-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala ammissjoni da parti ta' konvenut tat-talbiet tal-attur. (ara : **Kollez. Vol. XXIX.iii.35**). Ghall-kuntrarju, il-kontumacja dejjem tqieset bhala kontestazzjoni u hekk baqghet meqjusa anke wara l-emendi ghal-ligi tal-procedura li dahlu bl-Att XXIV tal-1995. Ghalhekk jispetta dejjem ghall-gudikant illi jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut."*

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi flimkien ma' Carmen Borg, Joseph u Josephine konjuġi Borg, Julian u Stephania konjuġi Borg u Manwel John Pace kienu daħlu fi ftehim mas-soċjetà konvenuta sabiex din tal-aħħar tesegwixxi diversi xogħlijiet ta' *finishing* fil-blokk ta' appartamenti imsejjaħ 'Remissa Mansions', Triq Mensija, San Ġiljan u kif ukoll sabiex il-konvenuta tissuplixxi

xi għamara bħall-kmamar tas-sodda, *railings, frames* tat-twieqi u bibien. Din il-kawża tittratta l-appartament bin-numru 4.

L-atturi ħallsu lis-soċjetà konvenuta s-somma komplessiva ta' €43,920 għax-xogħol kif ingħad fuq l-appartament bin-numru 4. Skont l-atturi, ix-xogħol kollu kellu jkun lest sa mhux aktar tard minn Mejju tas-sena 2017. Madanakollu, kif iċċertifikat mill-Perit David Vassallo, inkarigat mill-atturi, ix-xogħol li fil-fatt twettaq mill-konvenuta kien biss tal-valur ta' €11,131.90. L-atturi għalhekk qed jippretendu li l-konvenuta tħallas lura s-somma ta' €32,788.10 rappreżentanti l-valur tal-appalt li baqa' ma ġiex esegwit.

Fid-dawl tal-provi prodotti, senjatament ir-riċevuti prodotti u fin-nuqqas ta' eċċezzjonijiet jew prova kontrastanti da parti tas-soċjetà konvenuta, il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' l-ewwel tlett talbiet kif dedotti.

Finalment, l-atturi ressqu wkoll talbiet għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Madanakollu, huma ma ġabu l-ebda prova sabiex jissostanzjaw dawn l-aħħar tlett talbiet tagħhom li għaldaqstant, ser jiġu miċħuda.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba b'dan illi tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-atturi fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u għaxar Ċenteżmu (€32,788.10);

3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u għaxar Ċenteżmu (€32,788.10) bl-imgħax mid-data tas-sentenza;

4. Tiċħad ir-raba', il-ħames u s-sitt talba.

L-ispejjeż tal-kawża a karigu tas-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG